



Brussell, 16 ta' Settembru 2020
(OR. en)

10799/20

**Fajl Interistituzzjonali:
2019/0280(NLE)**

**SCH-EVAL 112
FRONT 245
COMIX 399**

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Nru. dok. preċ.:	10798/20
Suġġett:	Abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti rakkomandazzjoni biex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet identifikati fl-evalwazzjoni tal-2019 tal- Kroazja dwar l-issodisfar tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen fil-qasam tal- ġestjoni tal-fruntieri esterni (żjara mill-ġdid tal-fruntiera fuq l-art)

1. Wara l-adozzjoni mill-Kunsill tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen, grupp ta' esperti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni wettqu evalwazzjoni tal-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen mill-Kroazja fil-qasam tal-ġestjoni tal-fruntiera esterna (żjara ġdida) fl-2019.

2. F'konformità ma' dak ir-Regolament, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill proposta għal Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni mfassla biex tindirizza n-nuqqasijiet identifikati matul dik l-evalwazzjoni u biex tiżgura li l-Kroazja tissodisfa l-kondizzjonijiet meħtieġa kollha għall-applikazzjoni tar-regoli ta' Schengen relatati mal-ġestjoni tal-fruntiera esterna.

3. Il-Grupp ta' Ħidma dwar Materji Relatati ma' Schengen (Evalwazzjoni), inkluż is-sħab tal-Kumitat Imħallat in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, approva l-proposta għad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill li tagħti Rakkomandazzjoni fil-15 ta' Settembru 2020.

4. Għaldaqstant, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mitlub jirrakkomanda li l-Kunsill jadotta l-abbozz ta' Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill, kif jinsab fid-dokument 10798/20, bħala punt 'A' f'waħda mil-laqgħat li jmiss.
